MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1817/2002

**Starlight Productions Ltd**

**vs**

**Valletta Supporters Club u b'degriet ta' l-4 ta' Ottubru, 2002 giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi qabel il-kliem Valletta Supporters Club jizdiedu l-kliem "Gilmour Peplow bhala Segretarju u Josef Mizzi bhala President"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300.00) fejn intqal:**
**Illi l-attur kien ghamel website design fuq struzzjonijiet ta' l-intimat u dan il-website l-atturi ghamluh u kkonsenjawh;**
**Illi l-konvenut fil-fatt beda juza dan il-website;**

**Illi l-partijiet ftehmu illi l-konvenut kellu jhallas billi jirreklama l-isem ta' l-attur fuq il-magazine, television, banner u affarijiet simili u dan qatt ma ghamlu;**
**Illi l-valur ta' dan il-website design huwa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00). Ghaldaqstant l-esponent bir-rispett jitlob il-hlas ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300.00)**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fl-10 ta' Settembru 2002 fejn intqal illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, inkluzi dawk ta' l-ittra legali datata 3 ta' Gunju, 2002, stante illi l-club konvenut m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-club konvenut, senjatament dik ghad-danni.**

**Semgha x-xhieda ta' Damian Alison, Andrew Grima, Lino Mintoff. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti u semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi s-socjeta' attrici kienet giet avvicinata taghmel website u l-konvenuti allegatament kienu avvicinaw lill-istess kumpanija sabiex taghmilhom website ghal *Valletta Supporters Club.* Il-ftehim kien bil-fomm kif xehed l-istess Damian Alison Direttur tas-socjeta' attrici.**
**2. Is-socjeta' attrici qieghda tghid li minflok hlas bi flus, huma kienu ser jithallsu permezz ta' pubblicita fuq il-website tal-*Valletta Supporters Club*. Fil-fatt dan il-website kien sar u kien qed jidher fuq l-internet u kienu dahlu xi tlett elef ruh sal-gurnata li ntbaghat l-email Dokument B fejn il-konvenuti gew avzati li ma kienx qed isir ir-reklamar. Dana kif jirrizulta minn xhieda ta' l-istess Damian Alison u mid-dokumenti A , B u C esebiti.**
**3. L-atturi jilmentaw illi l-konvenuti ma kienux qed igibu r-reklamar kif miftiehem, la r-reklamar fuq il-**

**website, la r-reklamar fil-gurnal ta' l-istess Club u lanqas ir-reklamar fil-credits fil-programm tat-televisjoni.**

**4. Jikkorroba dan li qed jinghad fl-ahhar paragrafu hemm e-mail mibghuta minn Damian Alison lil Andrew Grima (Dok B) fejn fost affarijiet ohra jinqtal hekk *"please keep in mind that the website has not been paid for the design".* Jinghad ukoll fl-istess email li x-xoghol fuq il-website kien hadilhom xahrejn u li din tiswa bejn sitt mija u seba' mija. Jispicca biex jinghad illi jekk il-konvenuti ma jridux jaghtuhom ir-reklamar miftiehem, is-socjeta' attrici kienet ser tibghatilhom invoice.**

**5. Gie rilevat ukoll minn Damian Alison li d-*domain* u l-*hosting* tal-website ghadhom jezistu u ghadhom taghhom ghalkemm nehhew id-design. Huwa spjega illi ghal hosting kienu hallsu hamsin lira (Lm50) u kienu hallsu hamsin lira (Lm50) ohra ghad-domain Dok F u Dok F1 (fol 28).**

**6. Skond Damian Alison il-ftehim kien li ghal hosting kienu ihallsuhom ammont fis-sena, filwaqt li ghad-design ihallsuhom permezz ta' reklami. Skond Damian Alison meta sar il-ftehim kien hemm mieghu Jonathan Vella. L-istess Alison ighid illi Grima kien qalilhom dwar il-magazine u wriehom kopja ta' l-istess u li fuqu kien ser johrog ir-reklam. Dan il-magazine suppost beda johrog kull xahar.**

**7. It-Tribunal jinnota illi dwar ir-reklam fuq it-televizjoni, Damian Alison xehed li dwar dan il-ftehim ma sarx dakinhar meta sar id-diskors dwar ir-reklam fil-magazin, izda kien sar wara peress li l-magazine ma kienx hareg u Grima offrielu li jaghmel ir-reklam fuq it-televizjoni.**

**8. Andrew Grima membru tal-Valletta Supporters Club li jiehu hsieb il-website u l-updating taghha, jammetti li kienu ftehmu mas-socjeta' attrici sabiex tiehu hsieb il-website, l-hosting u d-domain, u li l-ftehim kien sar ma' Jonathan Vella u ma' Damian Alison.**

**9. Grima qed jallega illi Valletta Supporters Club hallset mija u hamsin lira (Lm150) u dana in kwantu hamsin lira (Lm50) ghal supportersvallettaclub.com,**

**hamsin lira (Lm50) ghal vallettaofficial.com u hamsin lira ghal *secure hosting*. It-Tribunal jirrileva illi ghal dawn kienet inharget ricevuta datata 8 ta' Mejju 2002 a fol 28 tal-process.**

**10. L-istess Grima xehed illi l-*password* u d-*domain* baqghu ghand is-socjeta' attrici. Huwa nnota li l-website minghajr il-*password* huwa inutilizzabbli .**

**11. L-istess Grima dwar reklamar ighid illi kien hemm qbil li s-socjeta' attrici taghmel reklami kemm trid fuq il-*website* u skond Grima r-reklami gabuhom. Dwar reklamar fil-magazine l-istess xhud jaqbel li kienet saret l-offerta biex jingiebu r-reklami, pero' l-magazine ma harigx u r-reklam ma ngiebx. Ighid l-istess xhud li huma ma kellhomx x'jaqsmu ma' programme fuq it-televizjoni.**

**12. Lino Mintoff membru tal-Valletta Supporters Club jikkonferma li kienu ftehmu li s-socjeta' attrici taghmel reklami fuq il-website, pero' ma kienx jaf ighid dwar reklami fuq il-magazine u lanqas ammonti li setghu kienu dovuti.**

**13. Rilevanti hafna fil-fehma tat-Tribunal dak li xehed Andrew Grima fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2002 meta qal:**

***"Iva accettajnieh id-disinn. Ma kontx naf li ghandi nhallas id-disinn. Ippretendejna li d-disinn konna ser nohduh b'xejn."***

**14. Mill-kumpless tal-provi, t-Tribunal hu sodisfatt illi kif sewwa ssottometta d-difensur tas-socjeta' attrici, hemm nuqqas ta' kredibilita' dwar ix-xhieda ta' Lino Mintoff, ghaliex huwa stramb hafna li dana ma jkun jaf xejn dwar il-website tal-club tieghu. In oltre kif sew rilevat jirrizulta li kien hemm l-ftehim u l-accettazzjoni dwar in-negozju. Jirrizulta li l-hlas li qed jintalab huwa ghad-disinn u li dana jammonta ghal tlett mitt lira (Lm300) u li fil-fatt ma thallasx, u jirrizulta li x-xoghol sar. It-Tribunal ma jistax jaghti ebda tort lis-socjeta' attrici talli ma ghaddietx il-password lill-konvenuti, ghaliex dawna ma kienux thallsu ghax-xoghol taghhom. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti fil-kwalita' taghhom premessa jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300). L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------